# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 74

Data tal-laqgħa: 9 ta' Awwissu, 2023

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 9 ta' Awwissu 2023 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Abraham Aquilina |
| Assenti | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**74/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**74/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech biex jiġi skużat minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi reġistrat bħala assenti b'appoloġija.

**74/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 73**

**74/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**74/02/02** **Para 73/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rigward il-kwistjoni tal-arloġġ tad-dawl tal-kamra li tinsab biswit l-iskola l-applikazzjoni qeda għand l-Avukat tal-ARMS Dr Noel Bezzina.

**74/02/03** **Para 73/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħsara fil-bandli ta' Ġnien il-Paċi ssewwiet.

**74/02/04** **Para 73/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl għadu ma sar xejn.

**74/02/05** **Para 73/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għandha ssir minn Infrastructure Malta.

**74/02/06** **Para 73/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma smajna xejn fuq il-fondi mill-Planning Authority rigward Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard*.

**74/02/07** **Para 73/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma smajna xejn mingħand il-Lands Authority rigward il-kuntratti ta' *subleasing* ta' Torri tas-Semaforu u tas-Searchlight Battery.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**74/02/08** **Para 73/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* ta' ħdejn il-kappella ta' San Nikola u l-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa għadhom ma sarux.

**74/02/09** **Para 73/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* dwar il-knisja ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**74/02/10** **Para 73/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab l-ERA sabiex tiġi installata kamera tas-sigurta' fejn l-isptar tal-Ferħa kif ukoll fi Triq Għaxqet l-Għajn. Sal-lum ma smajna xejn.

**74/02/11** **Para 73/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*information panel* fil-pjazza dwar postijiet ta' interess ħa ssir wara li jitlesta z-zuntier.

**74/02/12** **Para 73/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 3 tabelli ta' CCTV cameras mal-ħajt ta' Ġnien il-Paċi għadhom ma sarux.

**74/02/13** **Para 73/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bust ta' Guido Tanti li ser jitpoġġa f'Misraħ il-Knisja, il-Perit qed jistenna l-*clearance* mis-Superintendence of Cultural Heritage.

**74/02/14** **Para 73/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif tirċievi l-approvazzjoni minn Transport Malta ser tordna l-istrippi ta' mal-art għal Triq San Ġwann.

**74/02/15** **Para 73/02/18:** Il-Kunsill qabel unanimament li notice boards isiru b'kollaborazzjoni ma' Reġjun Lvant.

**74/02/16** **Para 73/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet għamlet kuntatt mal-Enemalta rigward il-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien man-naħa tal-kappella ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

**74/02/17** **Para 73/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma nistgħux minn 1 MC bay noħorġu 2/3 oħra fi Triq Stiefnu Zerafa.

**74/02/18** **Para 73/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq l-applikazzjoni għal Żvilupp u Titjib ta' Latrini Pubbliċi ma smajna xejn.

**74/02/19** **Para 73/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat ir-*road hump* għal Triq in-Naxxar fil-parti d-dejqa.

**74/02/20** **Para 73/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma smajna xejn fuq il-Clean Up the World Campaign 2023.

**74/02/21** **Para 73/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *double yellow line* faċċata tal-garaxx fi Triq D. Mifsud sar.

**74/02/22** **Para 73/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mar-residenti ta' Triq Fidiel Zarb saret.

**74/02/23** **Para 73/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lid-dipartiment ta' xogħlijiet pubbliċi *re rain surface runoff increase causing flooding of fields (Triq tal-Ferħa).*

**74/02/24** **Para 73/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Perit ser jagħmel site visit minħabba talba ta' resident għal *culvert* quddiem garaxx fi Sqaq numru 1, Triq San Nikola.

**74/02/25** **Para 73/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *slow sign* għal Triq in-Naxxar k/m Triq Santa Katerina.

**74/02/26** **Para 73/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għat-Triq tal-Ferħa (fil-wied).

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**74/02/27** **Para 73/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *Keep Clear* quddiem dar fi Triq San Nikola trid tiġi approvata minn Transport Malta.

**74/02/28** **Para 73/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *u-bar* għal Triq S. Zerafa.

**74/02/29** **Para 73/05/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob laqgħa mal-GreenPak rigward ir-rilokazzjoni ta' sit tal-iBins.

**74/02/30** **Para 73/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq is-suġġeriment biex Triq San Ġwann (bejn l-ATM u Triq San Bartilmew) tiġi one-way waqt il-ħruġ ta' tfal mill-iskola ser tieħu parir minn Transport Malta.

**74/02/31** **Para 73/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għal Triq Għaxqet l-Għajn qrib id-dar numru 2.

**74/02/32** **Para 73/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li residenta li talbet *double yellow line* quddiem il-garaxx tagħha fi Triq Caravaggio issa ma tridux.

**74/02/33** **Para 73/05/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabella 'STOP' għal Triq Dun K. Fenech.

**74/02/34** **Para 73/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ħsara fi dawl ta' Triq San Ġwann tranġat.

**74/02/35** **Para 73/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Water Games għat-tfal kienu suċċess. Is-Sindku pproponiet li jibdew isiru fi 7:00pm. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**74/03/01** Is-Sindku pproponiet li jsiru żewġ bollards ħdejn il-Madonna tal-Ġebla l-Kbira. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74/03/02** Is-Sindku qalet li Prof. Raphael Vella talab li juża s-searchlight battery jekk jintgħażel għal Malta Biennale. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74/03/03** Is-Sindku qalet li rċeviet talba biex jintrama kiosk (tal-ikel u xorb) fi Triq l-Isqof Gargallo, talba biex jintrama kiosk (ta' toys) fi Triq San Bartilmew k/m Triq San Ġwann u talba għal bar mill-Għaqda tan-Nar fi Triq l-Isqof Gargallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**74/03/04** Is-Sindku qalet li hemm bżonn jinqata' l-ħaxix ta' Triq Santa Katerina. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lill-kuntrattur.

**74/03/05** Is-Sindku qalet li nhar il-Ħamis, 17 t'Awwissu 2023 waqt il-bibita tal-festa s-Sur Simon Aquilina se jippreżenta l-abbozz kif ukoll id-dokumenti relatati mal-Monument ta' San Bartilmew.

**74/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**74/04/01** Ma kienx hemm.

**74/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**74/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Michael Cohen – Temporary authorisation for utilising GO TO parking spaces.

**74/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jessica Meli – Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ. Is-seduta

hija ppjanata għall-Ġimgħa, 22 ta' Settembru 2023.

**74/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Ruth Debattista – Bħalissa l-iskema ta' CWS magħluqa.

**74/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Roberto Agius – Housing Development Fund – Opportunities for Collaboration.

**74/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 19 ta' Lulju 2023).

**74/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 26 ta' Lulju 2023).

**74/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 2 ta' Awwissu 2023).

**74/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mir-Reġjun Lvant – It-Tnedija uffiċjali tal-proġett bit-titlu – *Regional Treasure Hunt* ser tinżamm nhar il-Ġimgħa, 6 t' Ottubru 2023.

**74/05/09** Fuq it-talba ta' residenta għal tabella 'SLOW' fi Triq F. Zarb. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**74/05/10** Fuq it-talba ta' uffiċjal tal-LESA biex isir *double yellow line* temporanju qabel il-*one-way* ta' Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**74/05/11** Fuq it-talba ta' residenta għal tabella 'no heavy vehicles' fi Triq Mons. Luigi Catania (fejn il-mużew). Kien hemm qbil unanimu.

**74/05/12** Fuq it-talba ta' resident biex issir *road hump* fi Triq Mons. Luigi Catania. Il-Kunsill qabel li ssir *site visit*.

**74/05/13** Fuq it-talba ta' residenta biex issir bankina fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill qabel li ma tistax issir.

**74/05/14** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir *refreshing* tas-sinjali fi Triq Mons. Luigi Catania man-naħa tal-għelieqi. Kien hemm qbil unanimu.

**74/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**74/06/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**74/07** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**74/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Settembru 2023 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |